**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D**

**Rikors Numru 172/13 CSH**

**Double R Meats Company Limited (C21340)**

**Vs**

**Giuseppe's Group Limited (C54459)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 18 ta' Jannar, 2016.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikorsipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-18 ta' Gunju 2013, permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmint elef, mitejn u sebgha u tmenin ewro u disgha u sebghin centezmu (€8,287.79) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut minnha lis-socjeta' mittenti ghal bejgh ta' merkanzija fuq struzzjonijiet taghha.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' Qbid u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta mid-data tal-fatturi relattivi, li tibqa' ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' riduzzjoni prezentat mis-socjeta' attrici fis-7 ta' frar, 2014 li permezz taghha rriduciet it-talba ghal erbat elef disa' mija u sebgha w erbghin Ewro (€4,947).

Rat illi skond verbal tas-26 ta' Marzu, 2014 l-avukat tas-socjeta' attrici nforma lill-Qorti li kienu qeghdin isiru pagamenti b'mod regolari, u ghaldaqstant il-kawza kienet giet differita ghall-probabbli cessjoni. Pero' sussegwentement fis-seduta tas-17 ta' Settembru, 2014, fuq talba tal-istess avukat il-kawza marret Sine Die.

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn talbet li l-kawza terga' titqieghed fuq il-lista tal-kawzi ghas-smiegh, u filfatt giet riappuntata ghal nhar it-8 ta' Jannar, 2015 fejn il-Qorti ordnat li jergghu johorgu n-notifiki mill-gdid.

Rat illi is-socjeta' konvenuta kienet debitament notifikata skond riferta posittiva tal-Marixxal John Francica datata 15 ta' Ottubru 2015 fejn thalliet kopja tar-rikors promotur fil-Kunsill Lokali w fl-Ghassa tal-Pulizija tas-Swieqi, pero' ma halliex kopja fl-indirizz tas-socjeta' konvenuta peress li tali indirizz ma sabux ( fol 58 tergo) **.**

Rat illi s-socjeta' konvenuta giet notifikata bir-rikors permezz ta' publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern nhar is-6 ta' Novembru 2015 (fol .56) u fil-gazzetta lokali The Times of Malta nhar is-7 ta' Jannar 2016 (fol.60).

Rat illi fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2016, is-socjeta' konvenuta giet imsejha izda ma deheritx biex tikkontesta t-talba attrici.

Rat illi l-avukat difensur tas-socjeta' attrici pprezenta Kapitolu ghas-subizzjoni tal-istess socjeta' konvenuta dakinhar tat-13 ta' Jannar 2016.

Rat illi fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2016 is-socjeta' konvenuta Giuseppe's Group Limited (C54459) ma dehritx ghas-subizzjoni taghha.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' Double R Meats Company Limited tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma ridotta ta' erbat elef disgha mija u sebgha w erbghin Ewro (€4,947) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' Qbid u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta mid-data tal-fatturi relattivi .

Dott Consuelo Scerri Herrera LL.D.
Magistrat